# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru : **34** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **is-Sibt 28 ta' April 2012 fis-9.40p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Jesmond Mugliett |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Accountant tal-Kunsill | Is-Sur Lawrence Cauchi |
| Skużati | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

### ***Aġenda***

1. Approvazzjoni ta' l-audited financial statements għas-sena finanzjarja 2011.

1.0 ***Approvazzjoni ta' l-audited financial statements għas-sena finanzjarja 2011.***

1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-*Accountant* tal-Kunsill jekk l-aġġustamenti kienux saru kollha wara rakkomandazzjoni tal-Awditur.

L-*Accountant* tal-Kunsill wieġeb illi l-aġġustamenti li talbu l-Awdituri sabiex jiġu mplimentati saru kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja kemm lill-Awdituri kif ukoll lill-*Accountant* għaliex ħadmu b'ko-operazzjoni flimkien sabiex isiru l-aġġustamenti neċessarji fi żmien qasir u dan biex inżommu mad-*deadline* li għandna sa nhar il-Erbgħa 2 ta' Mejju 2012 sabiex nissottomettu l-*financial statements* lill-NAO.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien sorpriż illi konna ġejna b'*deficit* ta' €50,000.00 meta fil-fatt wara li saru l-aġġustamenti ġie kkonfermat illi l-Kunsill jinsab b'*deficit* ta' €25,000.00.

L-*Accountant* tal-Kunsill spjega li fl-*income statement* idaħħal l-spejjeż u d-dħul kollhu u peress li meta jiġi biex jagħlaq is-sena ikun hemm xi *invoices* li jkunu għandhom ma daħlux allura jrid jipprovdi għalihom.

Is-Sindku qal li la issa l-aġġustamenti saru allura l-*financial statements* nippreżentawhom fil-laqgħa pubblika.

Is-Sindku staqsa fuq l-allokazzjoni tal-Gvern għaliex fis-sena 2010 il-Kunsill ingħata is-somma ta' €678,785.00 filwaqt li fis-sena 2011 il-Kunsill ingħata inqas fondi li jammonta għal €676,106.00.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk jistax ikun hemm mod kif tista` tikkalkola l-allokazzjoni peress li minn sena għal oħra suppost tiżdied allokazzjoni peress li l-ispejjeż dejjem jiżdiedu u mhux tonqos kif fil-fatt ġara għas-sena 2011.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali issa qed tinħadem b'mod differenti wara l-proċess tar-riforma fejn ġiet mibdula l-iskeda relatata mal-mod kif jitqassmu l-flus.

L-*Accountant* tal-Kunsill spjega illi l-iktar li kien hemm aġġustamenti kienu fuq l-W.S.C

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq il-kontijiet pendenti tal-W.S.C.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-flus dovuti cioe` sa nofs is-sena 2010 rċevejnihom din is-sena kif kien diġa nfurmahom permezz ta' *email.*

L-*Accountant* tal-Kunsill qal li għalkemm dawn il-flus daħħalnihom issa diġa konna provdejna għalihom fl-*accounts*.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa fuq il-*cash flow* peress li għal proġett tal-bandli għalkemm ser niksbu il-fondi mill-UIF aħna xorta rridu noħorġu l-flus minn qabel. Huwa kompla jispjega illi għal proġett tal-Gal Xlokk fil-kuntratt kien hemm ftehim illi l-flus għal dan il-proġett konna ser ndaħħlu l-flus qabel, iżda ftit taż-żmien ilu konna rċivejna *email* illi issa qed jgħidulna li l-fondi għal dan proġett l-ewwel inridu noħorġuhom mill fondi tal-Kunsill imbgħad nirċievuhom wara.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li la l-kuntratt konna ffirmajnih bil-ftehim li l-flus noħduhom qabel ma jibda l-proġett, jistgħux issa ma jadarixxux mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

L-*Accountant* tal-Kunsill informa lill-Kunsilliera sabiex joqgħodu attenti bl-ispejjeż li qed isir u li ser jsiru sabiex ma jerġgħux jonfqu iktar milli nkunu daħħalna.

**Wara konsiderazzjoni, l-*financial statements* ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.15a.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku